## RWIEFEN

*Bir ir-Ruħ għamieq għaxar muntanji*
*U sitt widien wil-qiegħ ma jintlaħaqx*
*Ġo l-irdumijiet ta' ruħi*
*Bħal gozz ta' ġebel miexi.*
*Jixxabbtu u jiġġarrfu maqbudin*
*Fl-infiħ mudlam ta' rjieħ,*
*Jinbarmu bħal belliegħa f'bir ir-ruħ*
*Erwieħ mitlufa mingħajr xaqq ta' dawl*
*Iduru dawra mejt ma jaqtgħu qatt*
*Fl-ETERNITA ...*

*Ittawwalt ġo ruħi bħal min jittawwal ġo bir fond,*
*Niżżilt rampil u minnu dlonk tellajt*
*Dak kollu li ż-żmien xeħet ġewwa fiħ;*
*Imbagħad għalaqt għajnejja għax twerwirt*
*X'ħin rajt maħmuġ bil-ħama kull ma kien.*
*Tlaqt ir-rampil u kollox reġa' waqa'*
*Ċluff ... ċluff*
*Bħal ġisem mejjet mitfugħ*
*Ġo bir.*

*Subgħajja jħottu l-ħjut ta' kobba mħabbla,*
*Qawsalla lwien, kull ħajta hi memorja*
*Ta' ferħ jew għali li xi darba mlieli qalbi.*
*Dawwart ma' sebgħi ħajta twila ħadra;*
*L-aħdar tat-Tama, żmien li għadu ġej.*
*Ħasseit xi ħadd jislitha minn ġol-kobba.*
*Ħarist u fhimt: Kien Alla jgħinni nħott il-kobba mħabbla.*
*Tgħid sema' talbi?*

8.12.64

Ġ. AQUILINA